MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 660/2007

**Middlesea Insurance plc noe**

**Vs**

**Lufthansa German Airlines**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Settembru 2007, illi s-socjeta` attrici qeghda titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Lufthansa German Airlines thallas s-somma komplessiva ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltin (Lm259.00) rapprezentanti hlas lil Carmen Grech ghal prezz ta' zewg *luggages* danneggjati u lejl fil-lukanda *Holiday Inn* u serq ta' oggetti mill-istess *luggages* kif elenkati fl-istess Avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghax skond il-ligi.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta tas-16 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha ecceppiet illi t-talba tas-socjeta` attrici qed tigi kkontestata stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u din ghandha tigi michuda minn dan it-Tribunal bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici stante illi d-danni allegatament sofferti ma kienux attribwibbli ghas-socjeta` konvenuta, minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni allegatament sofferti minn Carmen Grech ma gewx sostanzjati b'ircevuti jew evidenza korraborattiva, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba li s-socjeta` attrici qed taghmel hija nkorretta stante li filwaqt li t-talba originali kienet ta' mitejn u hamsa u disghin liri Maltin (Lm259), is-socjeta` attrici *ex gratia* u minghajr ma assumiet ebda responsabbilta` gia hallset lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tlett liri Maltin (Lm103) hekk kif jidher mill-anness dokument immarkat L1.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` Attrici.

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi xehdet **Carmen Grech** prodotta mis-socjeta` attrici u stqarret illi kienet xtrat il-biljett ta' l-ajru u ghamlet polza ta' l-assikurazzjoni ma' l-*Untours* u wara s-safra hi kienet ghamlet *claim* ma' l-istess socjeta` *Untours* dwar il-fatt li kellha bagalji mqattghin u xi affarijiet neqsin mill-istess bagalji u dwar *delay* fil-vjagg taghha fejn kellha thallas l-ispejjez ta' lejl gewwa lukanda, liema spiza ma gietx koperta mill-*insurance*. Hi tat rendikont ta' kif gew imqassma l-ispejjez in kwistjoni liema rendikont hu spjegat fit-talba ta' l-istess socjeta` attrici.

Xehdet ukoll **Josianne Scicluna**, in rapprezentanza ta' l-*Untours* fejn stqarret illi Carmen Grech kellha polza ta' assigurazzjoni ta' *travel* u ghamlet *claim* peress illi kellha bagalji mqattghin, oggetti misruqin mill-istess bagalji u kellha *travel delay*. Hi kkonfermat ukoll li thallsu l-ammonti msemmija fl-avviz u li giet imnaqqsa hmistax-il Lira (Lm15) bhala *excess.*

Illi l-istess xhud ikkonfermat ukoll li meta kienu ghamlu l-*claim* mal-Lufthansa German Airlines huma kienu rcevew minghandhom *cheque* ta' mija u tlett liri Maltin (Lm103), liema *cheque* ghadu ma giex imsarraf fuq struzzonijiet tal-Middlesea Insurance u liema *cheque* u issa ormai skadut.

Illi ra ukoll in-nota tas-socjeta` attrici datata 24 t'April 2008 li biha tesebixxi id-dokumenti segwenti:

Dok A – *Cheque* mahrug fuq l-*Untours* mill-konvenuti
Dok B – Ittra akkumpanjanti c-*cheque*
Dok C – Affidavit relattiv
Dok D sa G – Dokumenti rigwardanti titjiri u bagalji
Dok F – *Travel Insurance Schedule*

Illi fil-5 ta' Novembru 2008 regghet xehdet **Carmen Grech** prodotta mill-konvenuti fejn ipprezentat Dok CG1 konsistenti fi *break up* tal-kontenut u l-valur relevanti tal-*make up* in kwistjoni. Hi stqarret illi tahseb li ghanda rcevuti ta' l-affarijiet misruqa mill-bagalja.

In kontro ezami ghamlet referenza ghal affidavit li jinsab dok C a fol 20 tal-process u tghid illi t-tlett mija u erbgha u tmenin Dollaru u disgha u hamsin centezmu ($384.59) kienu jirraprezentaw *creams* u *make up* li kienu xtraw mill-Amerika u huma dawk l-oggetti li gew misruqa. Inoltre, hi stqarret ukoll li ghaddew l-ircevuti lill-*insurance*.

**Josianne Scicluna** prodotta in kontro-ezami stqarret illi m'ghandhiex rcevuti tal-bagallji taghha u ta' l-affarijiet misruqa. Ghalhekk stqarret illi sabiex stabbilew l-ammont ta' l-oggetti misruqa huma mxew fuq l-informazzjoni li tathom il-klijenta taghhom Carmen Grech. Illi inoltre l-istess xhud stqarret illi l-oggetti misruqa kienu affarijiet

tad-deheb u oggetti tal-hwejjeg. Finalment, hi kkonfermat ukoll li l-mija u tlett liri Maltin (Lm103.00) illi l-Lufthansa hallsu jammontaw ghal 40% tal-*claim* maghmula peress illi l-*claim* ma kinitx sostanzjata bl-ircevuti relattivi.

Illi fil-kontro-ezmami taghha, ix-xhud stqarret li c-*cheque* ta' mija u tlett liri Maltin (Lm103.00) illi l-Lufthansa hallsu ghadu ma giex imsarraf u dan fuq ordni tal-Middlesea peress li huma kienu ser jibdew proceduri l-Qorti.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-kwistjoni principali bejn il-kontendenti tidher illi hi illi filwaqt illi s-socjeta` qed titlob il-hlas ta' €603.30 (gja Lm259) filwaqt illi s-socjeta` konvenuta donnu qed tikkontendi illi hija dovuta biss is-somma ta' €239.92 (gja Lm103) – tant illi gja kienet irilaxxja cheque f'dan l-ammont li pero` sa issa ghadu ma thallasx.

Id-differenza hija ta' €356.39 (gja Lm153).

Carmen Grech, il-persuna assikurata tat rendikont dettaljat tad-dannu minnha subiti, ghall-liema danni, inkluz il-quantum, is-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda provi sabiex tittanta tikkontradixxi.

It-Tribunal jinnota illi lanqas il-polza ta' l-assikurazzjoni ma giet ppresentata – u ghalhekk ma jqisx illi s-socjeta` konvenuta qed tikkontendi illi s-socjeta` attrici hallset lil Carmen Grech xi flus li ma kienux dovuti ghax ma kienux koperti bil-polza.

Mill-bqija ghalhekk, it-Tribunal jinnota illi s-socjeta` konvenuta eccepiet illi hija mhix responsabbli ghad-danni sofferti mill-assikurata tas-socjeta` attrici, oltre` l-fatt illi ma ngiebux l-ircevuti jew evidenza korroborattiva sabiex jkunu sostanzjati d-danni allegatament sofferti.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, it-Tribunal jinnota illi s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova, u ghalhekk ma tistghax imma tigi skarata.

Dwar it-tieni eccezzjoni, huwa minnhu illi ricevuti jew evidenza ohra korroborattiva kienet tkun aktar idejali u kienet taghmel l-pretensjoni tas-socjeta` attrici aktar facli biex tintlaqa`. B'dana kollu, ghax m'hemmx evidenza korroborattiva ma jfissirx illi dan it-Tribunal ma jistghax jasal biex jiddeciedi fuq il-provi li hemm u fuq il-principji legali dwar il-provi u l-produzzjoni tal-provi fi process giudizzjajru. F'dawn il-proceduri, differenti minn proceduri legali ohra, il-korroborazzjoni tal-provi mhux rekwizit.

It-Tribunal jifhem illi f'kazijiet ta' safar, l-ircevuti mhux dejjem facli li jingiebu. Fir-rigward tal-bagalji, dawn jistghu ikunu nxtraw ferm u ferm qabel il-gita. Fir-rigward ta' oggetti ohra mixtrija minn barra minn Malta, ukoll ghalkemm tkun desiderabbli illi tinzamm l-ircevuta, b'dana kollu ma jfissirx illi ghaliex ma hemmx l-ircevuti, allura ma jfissirx illi l-assikurata sofriet danni meta nsterqulha l-oggetti mill-bagalji.

Ix-xhiedha ta' Carmen Grech kienet cara bizzejjed ghat-Tribunal biex tikkonvincieh illi fl-incident li ghalih kienet assikurata, sofriet d-danni fl-ammont mitlub fl-Avviz. Fuq kollox, jerga` jigi ribadit illi s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova kuntrarji.

GHALDAQSTANT, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti u wara illi sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jirrispengi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici l-ammont mitlub fl-Avviz ta' sitt mija u tlett Euro u tletin centezmu (€603.30), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------